# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum l-10 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 57 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Aryna ZRAKAVA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Aryna ZRAKAVA detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 73289A li ġiet mixlija:

   Talli fit-28 ta' Novembru 2017 ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

   1. Irrifjutat li tagħti aċċess tal-wild taħt il-kustodja tagħha lil Daniele Privitera, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt mingħajr raġuni xierqa;
   2. Naqset li tobdi l-ordni tal-Pulizija, meta ġiet avżata bil-fomm jew b'avviż bil-miktub sabiex tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew f'xi post ieħor indikat mill-Pulizija sabiex tippreżenta d-dokumenti meħtieġa mill-istess Pulizija.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti, rat id-dokumenti kollha esebiti, l-atti kollha tal-kawża u semgħet lill-partijiet, u wara li rat l-Artikoli 338(ll) u 355AD(3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatha għal ġimgħa detenzjoni. Il-Qorti fissret fi kliem ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

3. Illi minn din is-sentenza Aryna ZRAKAVA interponiet appell permezz ta' rikors datat 14 ta' Frar 2018 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponenti minn kull ħtija u piena. Bla preġudizzju għal din it-talba illi anke f'każ li din il-Qorti ma tilqax l-aggravji hawn fuq imsemmija hija tirriforma s-sentenza appellata sabiex li filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-ħtija twarrab dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti ġiet ikkundannata għal ġimgħa detenzjoni u minflok tingħata piena aktar xierqa u li bl-ebda mod tkun tinkludi d-detenzjoni.

Dan wara li saħqet is-segwenti: -

> a. Preliminarjament u assolutament mingħajr ebda preġudizzju għall-aggravji li ser jissemmew iktar 'l isfel f'dan ir-rikors, is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti li minnha qed jiġi ntavolat dan l-appell hija nulla u ma jista' jkollha qatt ebda effett legali fil-konfront tal-appellanti meta bl-ebda mod ma hija motivata kif lanqas m'hemm indikat fiha s-sejbien ta' ħtija, ir-raġuni għaliex il-Qorti sabet lill-imputata ħatja kif lanqas ma hemm indikat il-provvediment tal-liġi kriminali li bl-azzjoni jew ommissjoni tal-istess l-esponenti kisret il-liġi kriminali. Għandu jingħad ukoll illi dan l-Artikolu 218 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddetta x'għandha tikkontjeni kwalunkwe sentenza u allura wkoll kwalunkwe sentenza mogħtija mhux biss mill-Qrati Ċivili iżda wkoll Kriminali u ċioè li fis-sentenza l-Qorti għandha tagħti r-raġunijiet li fuqhom dik il-Qorti tkun ibbażat is-sentenza tagħha u għandu jkun hemm fiha wkoll referenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur – hawn wieħed għandu jsemmi l-Prosekuzzjoni li fuq talba tagħha nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat –

u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut – l-istess hawn wieħed għandu jinkludi lill-akkużat li qed jiddefendi l-kawża. Kopja ta' din is-sentenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A.

b. Illi fil-kamp kriminali u partikolarment meta sitratta ta' kontravenzjonijiet kif f'dan il-każ l-Artikolu 338 (II) biex tissustissi din il-kontravenzjoni l-persuna li kontra tagħha tkun saret ordni ai termini tal-istess Artikolu trid tkun ġiet infurmata b'dik l-ordni u sta, bħal dejjem, għall-Prosekuzzjoni li tipprova l-eżistenza tan-notifika ta' dak id-digriet lill-persuna hekk ordnata l-istess digriet biex timxi mal-istess, fil-każ in kwistjoni, l-esponenti. Kwindi, ladarba li din il-prova qatt ma tressqet mill-Prosekuzzjoni però tressqet biss kopja tal-imsemmi digriet u l-ebda prova dwar notifika tal-istess lill-esponenti, l-esponenti ma messha qatt ġiet misjuba ħatja, kif fuq intqal.

c. Dana kollu jinsab saħansitra kkorroborat fl-affidavit ta' WPS 161 stazzjonata fl-Għassa ta' Birkirkara joħroġ ċar illi lanqas l-imsemmi Daniele Privitera meta mar jagħmel ir-rapport li ta lok għal dawn il-proċeduri kriminali kontra l-esponenti ma għadda lill-Pulizija kopja tad-digriet u mill-istess affidavit jidher ċar ukoll illi ċiononostante l-Pulizija xorta waħda ħarġet l-akkużi kontra l-esponenti meta lanqas biss kienet fil-pussess ta' dan id-digriet, aħseb u ara kemm hija stess infurmat lill-esponenti bl-eżistenza tiegħu jew altrimenti għaddietilha kopja tiegħu anke jekk dan id-digriet ġie f'idejha wara li sar ir-rapport – ħaġa din però li tagħha m'hemm l-ebda prova – anke peress illi fl-imsemmi affidavit jingħad illi l-esponenti qatt ma marret l-Għassa "sabiex tiġi mitkellma fuq dan ir-rapport". In oltre l-akkużi kontra l-esponenti kienu nħarġu fl-indirizz tar-raġel ta' ommha, illum minnu sseparata de facto fl-indirizz tiegħu Dar il-Bies, 112, Triq Anġlu Mallia, Birkirkara meta din kienet ilha ma tirrisjedi hemm għal diversi xhur billi fis-sajf tas-sena li għaddiet u meta ommha u żewġha Joseph Aquilina kienu ilhom separati de facto sa minn Jannar ta' dik is-sena.

d. Illi għaldaqstant l-esponenti lanqas qatt ma ġiet notifikata skont il-liġi billi l-akkuża mhux biss qatt ma ġiet mgħoddija lilha fid-dar fejn tirrisjedi jew tħalliet ma' membru tal-familja tagħha iżda tħalliet biss f'residenza li ma toqgħodx fiha u ma' persuna li qatt ma kien membru tal-familja tagħha jew b'xi mod jiġi minnha. Anke għal din ir-raġuni biss il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma setgħet issib ħtija kontra l-esponenti.

e. Terġa' u tgħid dan Privitera kien ilu jaf illi l-esponenti ma baqgħetx tgħix ma' binthom fil-proprjetà ta' Joseph Aquilina ġewwa Birkirkara fejn il-Pulizija ħallew it-taħrika tagħha iżda kienet ilha tgħix ma' ommha ġewwa flat 61, Portomaso billi diversi drabi u qabel ma nħareġ id-digriet in kwistjoni kien mar jiġborha meta jkun hemm ftehim li hekk isir bejn l-esponenti u Privitera. Minkejja dan Privitera qatt ma ħass li kellu jinforma

lill-Pulizija bir-residenza l-ġdida tagħha u kienet din ir-raġuni illi l-Pulizija nnotifikawha bl-indirizz żbaljat kif ingħad iżjed 'il fuq. Illi bla preġudizzju ta' dak tal-aggravji msemmija supra u jekk biss f'każ li l-ebda aggravju minn dawn ma jiġi akkolt minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tissottometti illi l-piena ta' detenzjoni ta' ġimgħa minħabba illi għal okkażjoni waħda biss u ċioè fil-ġurnata ta' nhar it-28 ta' Novembru 2017 setgħet naqset li tagħti aċċess lil Privitera għal bintu u dana partikolarment meta din kienet l-ewwel darba li l-esponenti ġiet akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati seduta tal-Familja, deċiżjoni li timponi deċiżjoni fuq tifla kif prattikament għadha l-esponenti ta' 19-il sena, tintbagħat ġimgħa l-ħabs mhux biss meta għandha tifla ta' sentejn biex tieħu ħsieb u tindokra fil-bżonnijiet kollha tagħha pero' forsi agħar li tkun kostretta tqatta' sebat ijiem f'ambjent li ċertament ma jikkonduċix li tfajla ta' 19-il sena titgħallem mill-iżball li setgħet għamlet. Forsi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet tkun imxiet b'mod mistħoqq fil-konfront tal-esponenti kieku din ilha karriera tisfida l-ordni tal-Qorti jew li kienet reċidiva billi akkużata u misjuba ħatja fuq l-istess akkuża jew simili billi l-Ewwel Onorabbli Qorti b'mod konsistenti timxi ma' dawk li jidhru quddiemha akkużati b'kontravenzjonijiet ta' natura simili jkunu dehru quddiemha għal darba waħda biss kif inhu dan il-każ.

f. Meta persuna akkużata saħansitra b'reati anke serji tkun dehret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li ma jkollha kondotta nadifa qajla tiġi mitfugħa l-ħabs anke meta si tratta ta' akkużi li jwasslu għal ħames snin priġunerija u anke inqas u anke dan meta jkunu ta' età matura u f'inkarigu responsabbli. Fil-każ odjern għandna persuna li għadha teenager u meta kienet ħarġet tqila meta kien għad kellha 15-il sena u allura kif jgħidu l-Ingliżi kienet, kif forsi għadha, *a child mother* u ċertament ma jkunx mistħoqq li tinxteħet il-ħabs.

g. Tinqala' wkoll il-kwistjoni ta' min ser ikun kapaċi fil-ġimgħa illi ser ikollha tqatta' l-esponenti ġewwa l-ħabs f'każ li dan l-appell ma jiġix milqugħ meta Cerelia għadha biss tarbija ta' sentejn b'missierha Daniele Privitera, ċertament mhuwiex kapaċi jżomm lil din it-tarbija kif jistħoqqilha li tinżamm meta hu jgħix mal-partner ġdida tiegħu ġewwa Bormla u meta omm l-esponenti għandha l-ħajja privata tagħha llum u la tista' u lanqas trid illi jkollha żżomm lit-tarbija hi u l-partner il-ġdid tagħha meta t-tnejn jaħdmu sigħat twal.

***Ikkunsidrat: -***

4. Illi nhar id-29 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar, Daniele Privitera irraporta l-Għassa tal-Pulizija ta'

Birkirkara li fil-jum ta' qabel, hu ma kienx ingħata l-aċċess biex jara lil bintu minuri u dan peress illi l-appellanta, li tiġi omm bintu, kienet tfiet il-*mobile* tagħha. Irriżulta li hi xagħlitu għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija fejn kif Privitera ċempillha u nformha li suppost dakinhar kellu l-aċċess tat-tifla, hi qaltlu li ma jimpurtahiex. Il-Pulizija għamlu tentattiv biex iċemplu lill-appellanta fejn madankollu baqgħu ma rnexxielhomx jikkuntatjawha. B'hekk ħarġulha *letter to call* fl-indirizz 112, Dar il-Bies, Triq Anglu Mallia, Birkirkara fejn xorta waħda baqgħet qatt ma marret l-Għassa tal-Pulzija biex tiġi mitkellma dwar ir-rapport li sar kontriha. Konsegwentement inħarġu l-akkużi kontra tagħha.

***Ikkunsidrat:***

5. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li

---

2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

7. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

8. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

10. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika***

11.Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12.Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

---

***ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

14. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

15. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn

[6] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

19. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali

---

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

23. Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u dibju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad

li ma ntlaħaqx, u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:***

24. Illi in suċċint l-aggravji mqajjma mill-appellanta huma s-segwenti:

(1) Sentenza hija nulla peress illi mhix motivata.

(2) Sabiex tiġi integrata l-kontravenzjoni taħt l-artikolu 338(II) tal-Kodiċi Kriminali il-persuna imputata trid tkun ġiet notifikata bid-digriet, liema prova tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Din il-prova qatt ma tressqet iżda tressaq biss kopja tad-digriet. Kwindi ma kellha qatt tinstab ħatja.

(3) In oltre l-akkużi nħarġu fuq indirizz tal-ex raġel ta' omm l-appellanta allavolja ommha kienet ilha separata de facto minnu għal diversi xhur li tkompli tikkonferma illi hi ma setgħet qatt tiġi notifikata bil-*letter to call*.

(4) Kwindi lanqas ma ġiet notifikata skond il-liġi peress illi l-akkuża qatt ma ġiet mgħoddija lilha u qatt ma waslet fid-dar fejn tirresjedi jew tħalliet ma xi membru ieħor tal-familja tagħha. Anki għalhekk ma setgħet qatt tinstab ħatja.

(5) Privitera qatt ma nnotifika lill-Pulizija bl-indirizz il-ġdid tal-appellanta u kien għalhekk illi hi ġiet notifikata f'indirizz erronju.

(6) Sussidjarjament li l-piena imposta hija waħda eċċessiva għal diversi fatturi skond kif indikat fir-rikors tagħha.

24. Fil-kamp penali l-artikolu tal-Liġi li jippreskrivi x'għandha jkun fiha sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati huwa l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jispeċifika r-rekwiżi ad validatem segwenti :

> Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

25. L-artikolu invokat mid-Difiża ossija l-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-kamp penali in kwantu mhux wieħed minn dawk l-artikoli reżi applikabbli għall-dan il-kamp bis-saħħa tal-artikolu 520 jew 645 tal-Kodiċi Kriminali.

26. Illi minn analiżi tas-sentenza in kwistjoni jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati irriproduċiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanta, iddikjarat li rat id-dokumenti kollha eżebiti, l-atti kollha tal-kawża, li semgħet lill-partijiet, ipproċediet biex tikkwota l-artikoli tal-liġi applikabbli għall-akkużi mertu tal-każ u minn hemmhekk ipproċediet biex tiddikjara l-appellanta ħatja tal-akkużi miġjuba kontriha. Kwindi wieħed ma jsibx taqsira tal-fatti jew tal-mertu tal-każ u lanqas ma jsib il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti biex tiddeċiedi l-kawża b'dak il-mod.

27. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza kopjuża fuq dan is-suġġett partikolari, it-tifsira li l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jagħti għall-fatti ma tirreferix għall-meritu *per se* jew għal taqsira tal-fatti bħalma huma meħtieġa bl-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali riferibbilment għar-rikors tal-appell, iżda tirreferi aktar speċifikament għall-ħtieġa tar-rabta ċara bejn il-fatti tar-reat u d-

dikjarazzjoni tas-sejbien ta' ħtija. Dak li huwa rikjest huwa li l-Qorti tkun ċara meta tippronunzja ruħha dwar fejn l-imputat ikun instab ħati. Dan infatti kien jifforma parti konsiderevoli mill-mertu tas-sentenza preliminari mogħtija fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Elton Abela***[10] deċiża nhar it-28 ta' Jannar 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġie ddikjarat is-segwenti:

> Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza ssentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati.

28. Sentenza oħra li timxi fuq l-istess binarji hija ***Il-Pulizija vs Keith Pace***[11] deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġie ddikjarat illi

> Kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza.
>
> Meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-kaz, ghax

[10] Deċiża mill-Imħallef David Scicluna mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[11] Deċiża nhar il-5 ta' Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Grazio Scicluna deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Marzu 2004 kif ukoll Pulizija vs Justin Gambin deċiża mill-Imħallef Lawrence Quintano nhar it-2 ta' Lulju 2012.

> hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija.

29. Illi huwa minnu li f'dan il-każ jirriżulta li hemm żewġ verżjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati – dik miktuba di proprio pugno mill-Maġistrat li tinsab a fol 1 u dik li ġiet imbagħad maħruġa bil-forma stampata u li hija wkoll iffirmata mill-Maġistrat u li tinsab a fol 16 u 17 tal-atti. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis*** deċiża nhar l-4 ta' Marzu 2011 ġie deċiż li hija l-kopja uffiċjali maħruġa mid-Deputat Reġistratur hi dik li tagħmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti miktuba mill-Maġistrat fuq iċ-ċitazzjoni. Anzi fis-sentenza fl-ismijiet Il-***Pulizija vs. Nazzareno Camilleri*** deċiża nhar il-31 t'Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta kienet marret oltre minn hekk meta waslet għad-deċiżjoni tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati wara li, *inter alia,* iddeċidiet li l-kopja tas-sentenza li tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet hija dik iffirmata mid-Deputat Reġistratur u mhux dik iffirmata mill-Maġistrat; u żiedet li l-appunti tal-Maġistrat jibqgħu proprjeta tal-Maġistrat li jkun kitibhom u xejn aktar. Din is-sentenza ***Camilleri*** ingħatat fuq l-iskorta ta' dak deċiż minn din il-Qorti preċedentement fil-kawża ***Bezzina*** aktar il-fuq imsemmija. Din il-Qorti jidhrilha li sentenza fil-forma stampata, li tkun tinsab fil-proċess, u debitament iffirmata mill-Maġistrat li jkun pronunzjaha, għandha tkun ritenuta dik li toħloq stat fil-konfront ta' terzi filwaqt li dak li wieħed isib miktub mill-Maġistrat fuq il-

komparixxi jew fuq dokument ieħor għandhom jiġu ritenuti bħala li huma l-appunti tal-Maġistrat li jkun niżżel matul id-dibattitu tal-kawża u dawn ma jistgħux jitqiesu li jifformaw is-sentenza vera u proprja tal-Qorti tal-Maġistrati. F'dan il-każ ma jirriżultax li hemm xi diskrepanza bejn l-appunti tal-Maġistrat u s-sentenza stampata u ffirmata minnu. Anke li kieku kien hemm, din il-Qorti jidhrilha li dik li tkun torbot hija s-sentenza stampata u ffirmata mill-Maġistrat u li tkun tinsab fl-atti li għandha tiġi obduta u semmai mistħarġa għall-fini ta' appell.

30. B'hekk kemm fid-dawl tal-ġurisprudenza kif hawn fuq ikkwotata u anki fid-dawl tal-fatt li mis-sentenza in kwistjoni ma jidhirx li tippreżenta xi rekwiżit *ad validatem* nieqes, din l-eċċezzjoni sejra tiġi respinta minn din il-Qorti.

***Ikkunsidrat:***

31. Illi meta din il-Qorti qieset dak li xehdet l-appellanti quddiemha u għarblitu max-xiehda tal-kwerelant, mad-dokumenti eżebiti fl-atti, kif ukoll ma dak mistqarr mill-appellanti fir-rikors tal-appell innifsu, jidhrilha li l-appellanta ma kienetx konsistenti f'dak li qalet. Filwaqt illi fir-rikors tal-appell hi tisħaq li ma kienetx konxja dwar il-kontenut tad-digriet, peress illi stqarret li qatt ma ġiet innotifikata biħ, jidher ben ċar minn dak illi xehdet quddiem din il-Qorti kif ippreseduta illi kienet konsapevoli għal kollox dwar l-eżistenza tad-digriet u l-ħinijiet relattivi għall-aċċess illi kellu Privitera fuq il-wild komuni tagħhom.

32. Dak allegat mill-appellanti fir-rikors tal-appell, u ċjoe li ma kienetx konsapevoli mid-digriet mhux anqas verosimili meta jittieħed in konsiderazzjoni li d-digriet innifsu ġie maħruġ fuq talba tal-appellanta stess quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex il-partijiet ikollhom il-kundizzjonijiet regolati bejniethom inkluż dawk tal-aċċess. Jekk xejn, hi kienet fid-dover li tkun taf x'kien ġie dekretat mill-Qorti Ċivili fuq talba tagħha stess.

33. Kif irriżulta quddiem din il-Qorti mix-xiehda tagħha stess, l-appellanti kienet taf b'dak li kienu l-jiem u ħinijiet tal-aċċess għall-kwerelant. Biss f'dan l-istadju l-appellanti tikkontendi li hija ċaħdet l-aċċess ta' bintha lil Privitera peress li hu mar għaliha f'ħin differenti minn dak tal-aċċess. L-appellanti tippreżumi wkoll illi Privitera mar jagħmel il-kwerela fl-Għassa tal-Pulizija fil-ħin meta suppost kellu l-aċċess ta' bintu. Biss jirriżulta mill-affidavit ta' WPS161 li Privitera kien mar jagħmel il-kwerela fl-Għassa ta' Birkirkara nhar id-29 ta' Novembru 2017 għall-ħabta ta' 16:28 b'riferenza għar-rifjut tal-għoti tal-aċċess li kien seħħ fil-jum ta' qabel.

34. L-appellanta allegat li Privitera kien mar f'ħin differenti minn dak dekretat iżda tali allegazzjoni baqgħet mhux sostanzjata. Anzi jirriżulta li Privitera kien saħaq li fit-28 ta' Novembru 2017 hu kien ipprova jagħmel kuntatt mal-appellanta permezz tal-mobile, iżda din tfiet il-mobile phone tagħha sa minn filgħodu u ma bdietx tirrispondi. Dan wassal sabiex huwa ma setgħax jiftiehem mal-

appellanta biex ikun jista' jmur għall-minuri. Fil-fatt kien baqa' mingħajr aċċess għall-minuri. Privitera lmenta li huwa kien ilu xahrejn ma jara lill-minuri u peress li kien ma felaħx iktar jissaporti ma jarax lil minuri huwa mar jagħmel il-kwerela. Privitera spjega illi hu kien mar għat-tifla u kien qed jibgħat lill-appellanta fuq il-mobile li hu kien qiegħed wara l-bieb biex jiġbor lil bintu. Biss l-appellanta baqgħet ma weġibtux. Hu ħabbat il-bieb ukoll. Mistoqsi għalfejn ma qalx lill-Pulizija b'dan id-dettal qal illi vera ma qalilhomx imma l-appellanti kienet taf x'inhuma l-ħinijiet tad-digriet u kellha żżomm magħhom. Ma jiftakarx eżattament fi x'ħin mar fejn ir-residenza tal-appellanta allavolja jidhirlu li kien għal x'il ħamsa peress li kien jum it-Tlieta.

35. WPS 161 tixhed li fil-fatt fid-29 ta' Novembru 2017 fl-16:28 kien mar Privitera jagħmel il-kwerela dwar in-negat aċċess għall-minuri fil-jum ta' qabel. Tgħid ukoll li Privitera kien qallha li minkejja li kien ilu jipprova jagħmel kuntatt bil-mobile mal-appellanta din kienet tfiet il-mobile sa minn fil-għodu. Imbagħad meta rnexxielu jaqbadha fit-28 ta' Novembru 2017 fis-18:04 u kkonfrontaha bil-fatt li kien ilu jċemplilha u fakkaraha li suppost kellu aċċess għat-tifla, WPS161 tirraporta li Privitera qallha li l-appellanta weġbitu "*I don't care*".

36. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti mhix konvinta, almenu fuq bażi ta' probabbilita mit-teżi tal-appellanta. Anzi tqis li tħossha sikura mit-teżi tal-Prosekuzzjoni fis-sens li mill-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment temmen il-verżjoni tal-fatti tal-parte

civile; kif ukoll li tqis li l-appellanta, ben konsapevoli mit-termini tad-digriet regolanti l-jiem u ħinijiet tal-aċċess għall-minuri, naqset milli tagħti l-aċċess lill-kwerelant ta' binthom fil-ħin stipulat, u dan mingħajr ebda raġuni valida.

***Ikkunsidrat:***

37.Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, anki hawnhekk jirriżultaw ċerti inkonsistenzi bejn dak li xehdet l-appellanta, kif rifless ukoll fir-rikors tal-appell meta mqabbel mad-dokumenti misjuba fl-atti proċesswali. L-appellanta tisħaq illi kien ilha ma tabita fl-indirizz ta' Birkirkara minn (madwar) Mejju jew Ġunju 2017 meta l-*letter to call* maħruġa mill-Pulizija ħarġet bejn l-aħħar ta' Novembru u l-bidu ta' Diċembru 2017 in segwitu għall-kwerela magħmula minn Privitera. Madankollu din il-Qorti nnotat illi fir-rikors redatt mill-istess appellanta quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 7 ta' Novembru 2017, l-indirizz tal-appellanta ġie indikat bħala dak ta' Birkirkara. Jekk il-Qorti toqgħod fuq dak li xehdet l-appellanta kien ifisser li meta għamlet ir-rikors quddiem il-Qorti Ċivili, hi kienet suppost ilha madwar ħames jew sitt xhur li ma baqgħetx tirrisjedi f'dan il-fond.

38.Filwaqt li r-rikors kien ġie preżentat fis-7 ta' Novembru 2017, id-digriet kien ġie maħruġ fl-24 ta' Novmebru 2017. Il-kwerela fl-Għassa tal-Pulizija saret fid-29 ta' Novembru 2017 b'riferenza għal nuqqas t'aċċess li kien sar fil-jum ta' qabel u ċjoe 28 ta' Novembru 2017 – erbat ijiem wara li ħareġ dan id-digriet. Dan ifisser li stando

ma dak misjub fl-atti, almenu sa tlett ġimgħat qabel il-każ, suppost l-appellanta kienet għadha tirresjedi fil-fond ta' Birkirkara tant li fdat dan l-indirizz ukoll lil-Qorti sabiex tiġi nfurmata bid-digriet relattiv.

39. Biss din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll li għalkemm l-indirizz indikat fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huwa dak indikat ta' Birkirkara, huwa minnu wkoll li fl-istess rikors, li ġie wkoll konfermat bil-ġurament minnha[12] imsemmi a fol 11 li minħabba li madwar erba' ġimgħat qabel (is-7 ta' Novembru 2017) hija kienet sfat bla xogħol, hi ma setgħet tkompli tħallas l-appartament li fih kienet tgħix u ġiet kostretta li terġa' tmur lura tgħix m'ommha ġewwa San Ġiljan. Inoltre l-indirizz tal-appellanti mniżżel mill-Avukat Difensur fuq ir-rikors tal-appell huwa fil-fatt 6122, Portomaso, San Ġiljan.

40. Illi r-reat li bih hija ġiet misjuba ħatja tiegħu fit-tieni imputazzjoni jaqra' kif ġej : -

> 355AD (3) Il-Pulizija tista, bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jewpost ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).
>
> (5) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi

[12] Ara d-dikjarazzjoni magħmula bil-ġurament quddiem il-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo kif tidher a fol 12.

> Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taħt mandat.

41. Issa minħabba r-raġunijiet miġjuba aktar il-fuq, f'dan il-każ din il-Qorti għandha d-dubbju tagħha dwar kemm il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-veru indirizz u post tar-residenza tal-appellanta f'Novembru 2017 verament kien l-indirizz ta' Birkirkara. Din il-Qorti tqis li l-appellanta kienet pruvat, fuq bażi ta' probabbilita, li hija fil-fatt verament ma kienetx qegħda tgħix fl-indirizz ta' Birkirkara meta l-Pulizija bagħtitilha l-*letter to call* f'dak l-indirizz.

42. Biss jirriżulta wkoll li matul ix-xiehda tagħha quddiem din il-Qorti, l-appellanta kkonċediet illi allavolja l-Pulizija ippruvaw jikkomunikaw magħha telefonikament, u hi kienet ben konxja tat-tentattiv illi kienu qegħdin jagħmlu biex jikkomunikaw magħha, hi naqset milli twieġeb għal dawn il-kjamati jew li tmur l-Għassa tal-Pulizija.

43. Issa r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni jippreskrivi żewġ modi t'infrazzjoni : -

    (a) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3); jew
    (b) li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha **<u>ma' uffiċjal tal-Pulizija</u>** f'xi

Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi,

tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taħt mandat.

44. Issa f'dan il-każ din il-Qorti tqis li fuq bażi ta' probabbilita, l-appellanta pruvat li ma kienetx taf bil-*letter to call* tal-Pulizija imħollija lilha fl-indirizz ta' Birkirkara u b'hekk probabbilment hi ma kienet taf dwarha. Dan allura ma jirrendihiex responsabbli taħt l-ewwel modalita ta' dan ir-reat. Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi li in bażi għall-provi prodotti il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-appellanta taħt din l-ewwel modalita ta' dan ir-reat.

45. Imbagħad pero hemm it-tieni modalita u ċjoe dik li għandha x'taqsam man-nuqqas, meta tkun hekk ġiet mitluba, **ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija** f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3).

46. Issa mill-provi jirriżulta li l-appellanta kienet taf li kienu qegħdin jippruvaw li jagħmlu kuntatt magħha mill-Għassa tal-Pulizija. Hi naqset milli ċċempel jew tmur tara għaliex rieduha. Jiġifieri hi tista' tiġi ritenuta li naqset, meta kienet taf li kienu qegħdin jippruvaw jagħmlu kuntatt magħha – ergo jitolbuha, b'telefonata ergo bil-fomm. La kienu qegħdin iċemplulha jfisser li riedu jkelmuha. Iżda

kemm jista' jingħad li b'dan l-għarfien li l-Pulizija kienu qegħdin iċemplulha u li jridu jkelmuha, kien hemm ukoll l-għarfien li l-Pulizija rieduha tmur minn jeddha ma uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor inkdikat lilha mill-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu 3? Dan ir-reat kien ikun integrat kieku xi **aġent** tal-Pulizija għamel kuntatt telefoniku magħha – u għalhekk hi tkun wieġbitu – u dan l-aġent ikun talabha li tmur minn jeddha **ma' uffiċjal tal-Pulizija** f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, u hi tkun irrifjutat milli tagħmel dan. F'dan il-każ ma jirriżultax li seħħ dan. Ma jirriżultax li sar kuntatt telefoniku mal-appellanta b'mod li hija wieġbet it-telefonata, ġiet mitluba tmur minn jeddha **ma' uffiċjal tal-Pulizija** f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, u hi tkun irrifjutat milli tagħmel dan. B'hekk din il-Qorti ma tistax tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li ssib ħtija fl-appellanti fir-rigward ta' din il-modalita.

## *Decide*

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqgħu parzjalment fis-sens illi filwaqt li

(a) **tħassar** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni imputazzjoni kontra tagħha u b'hekk tillibera lill-appellanti minn kull ħtija, piena u konsegwenza dwarha u

(b) konsegwentement **<u>tħassarha</u>** f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti għall-piena ta' ġimgħa detenzjoni;

U minflok:

(c) **<u>tikkonfermaha</u>** fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-ewwel imputazzjoni u

(d) **<u>tikkundannaha</u>** għal ammenda ta' ħamsin euro (€50).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***